MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**ANTONIO MIZZI**

Seduta tas-16 ta' April, 2012

Numru. 1331/2010

Il-Pulizija
(Sp Kevin Farrugia)
vs
Alexander Borg, iben Leone, imwieled Pieta' fid-9 ta' Marzu, 1982, karta ta' l-identita numru 0155782(M)

Il-Qorti,
Rat l-akkużi kontra l-imputat talli f'dawn il-Gżejjer, fit-2 ta' Jannar, 2010 minn ġewwa l-'Melita Branch' fi Triq San Pawl, Naxxar u f'inħawi oħra f'dawn il-Gżejjer:
1. ikkometta serq ta' mobilr phone Nokia N97 għad-dannu tal-kumpanija Melita u terzi persuni oħra, liema serq hu aggravate bil-valur ta' aktar minn €232.94 iżda mhux aktar minn €2,329.37;
2. xjentement laqa' għandu jew xtara ħwejjeġ misruqa, meħuda b'qerq jew akkwistati b'reat, sew jekk dan sar f'Malta jew barra minn Malta, jew xjentement, b'kull mod li

jkun, indaħal biex ibiegħhom jew imexxihom u ciioe' mobile phone Nokia N97.

Rat in-nota tal-Avukat Ġenerali fejn ta l-kunsens tiegħu biex dan il-każ jiġi trattat bi proċedura sommarja.

Rat il-verbal tas-seduta tas-16 ta' April, 2012 fejn il-Qorti ġiet infurmata li l-mobile phone Nokia N97 ġie ritornat lill-kumpanija Melita u li jiswa €600.

Rat il-verbal tas-seduta tas-16 ta' April, 2012 fejn l-imputat ammetta l-akkuża ta' serq miġjuba kontra tiegħu.

Semgħet lill-prosekuzzjoni u lill-avukata ta' l-imputat dwar il-piena.

Għaldaqstant, ma ssibx lill-imputat ħati tat-tieni akkuża miġjuba kontra tiegħu u għalhekk tilliberah mill-istess akkuża. Issibu ħati ta' l-ewwel akkuża miġjuba kontra tiegħu. Rat l-artikoli 261(ċ), 267 u 279(a) tal-Kodiċi Kriminali. Ma tikkundannahx għal piena karċerarja iżda tilliberah taħt il-provvedimenti tal-artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta bil-kondizzjoni li ma jagħmilx reat ieħor fi żmien sena mil-lum.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------